MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 339/2009

**Andrew Buhagiar bhala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell residenti fl-Ingilterra**

**vs.**

**(1) Carmela Mifsud,**
**(2) Joseph Callus,**
**(3) Mary Buhagiar,**
**(4) Josianne Mercieca Ikoll bhala werrieta tal-mejta**
**Antonia Callus;**
**(5) u ghal kull interess li jista' jkollu Nutar Anthony Grech Trapani.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta Andrew Buhagiar bhala mandatarju ta’ bintu assenti Carolive Mitchell datat 8 ta’ April 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi Antonia Callus, li kienet tigi z-zija tal-attrici proprio, mietet fid-29 ta’ Settembru 2004 u halliet testment li sar fid-29 ta’ Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (Dok. “A”).

Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus u Mary Buhagiar, ahwa Callus, u Josianne Mercieca gew nominati eredi universali tal-mejta Antonia Callus u proprjetarji assoluti tal-generalita` tal-assi taghha kollha, filwaqt li l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani kien in-Nutar Pubbliku nkarigat mit-testatrici biex jirredigi l-imsemmi testment.

Illi fit-tieni artikolu tal-imsemmi testment hemm imnizzel hekk:

“It-Testatrici qed thalli b’titolu ta’ Prelegat lin-neputija taghha Caroline mart William Mitchell, residenti Stroud Green, Londra, Ingilterra konsegwibbli appena tigi nieqsa l-istess Testatrici:

(1) in pjena u assoluta proprjeta` l-*garage* bl-arja tieghu, bla numru jew isem, f’Triq gdida progettata bla isem li tisbokka f’Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, l-Qrendi, mibni dan il-*garage* fuq il-*plot* numru seba’ (7) tal-art denominata tal-Mwiezeb *sive* Ta’ Gana, liema *plot* hija hekk indikata fuq il-pjanta annessa ma’ att tieghi tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija disgha u sebghin (1979) u jmiss mit-Tramuntana mat-Triq u mil-Lvant u Punent rispettivament mal-*plot* numru sitta (6) u l-*plot* numru tmienja (8) mill-istess art, proprjeta` tal-Kumpanija Z.P.S. Limited jew l-aventi kawza minnha, liberu u frank, bil-gus, drittijiet u pertinenzi tieghu kollha.”

Illi kif stqarr l-istess Nutar konvenut fl-ittra tieghu datata 25 ta’ Jannar 2005 (Dok. “B”), il-prelegat imsemmi fit-tieni artikolu tat-testment ta’ Antonia Callus li gie redatt minnu

kellu jkopri <u>l-*plot* kollu</u> bin-numru 7 Tal-Imwiezeb, u mhux biss il-*garage* bl-arja tieghu.

Illi xi werrieta qeghdin jirrifjutaw li jirrikonoxxu lill-attrici bhala proprjetarja tal-*plot intier*.

Illi l-esponent *nomine* istitwixxa kawza ghad-danni kontra l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani minhabba negligenza professjonali in kwantu huwa naqas li jnizzel sewwa u korrettement il-volonta` tat-testatrici li, kif iddikjara huwa stess, ghamlithielu cara fit-tahdita bejniethom dakinhar li hija ghamlet it-testment taghha [Citazzjoni Numru 1128/06 GCD].

Illi l-esponent *nomine* interpella lill-konvenuti eredi tal-mejta Antonia Callus sabiex jimmettu lill-attrici proprio Caroline Mitchell fil-pussess tal-imsemmi *plot* numru 7 li jinsab fil-Qrendi, deskritt bil-konfmi tieghu fl-ahhar testment tat-testatrici maghmul fid-29 ta' Marzu 2004, izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li zzomm fermi u impregudikati t-talbiet taghha kif dedotti fil-kawza Citazzjoni Numru 1128/06 GCD fl-ismijiet ***"Andrew Buhagiar bhala mandatarju ta' bintu assenti Caroline Mitchell residenti l-Ingilterra vs. Nutar Anthony Grech Trapani",*** titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti eredi tal-mejta testatrici Antonia Callus jimmettu lill-attrici proprio Caroline Mitchell fil-pussess tal-legat imholli lilha fit-tieni artikolu tat-testment tad-29 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, u cioe` l-prelegat in piena u assoluta proprjeta` tal-*plot* bin-numru sebgha (7) denominata Tal-Imwiezeb *sive* Ta' Gana, fi triq gdida progettata bla isem li tizbokka fi Triq Monsinjur Giuseppe Depiro, l-Qrendi, liema *plot* jinsab indikat fuq pjanta annessa ma' kuntratt ippubblikat min-Nutar Anthony Grech Trapani fit-22 ta' Settembru 1979 u jmiss mit-

Tramuntana mat-Triq u mil-Lvant u Punent rispettivament mal-*plot* numru 6 u l-*plot* numru 8 mill-istess art.

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti eredi tal-mejta testatrici Antonia Callus jirrilaxxjaw minnufih a favur tal-attrici Caroline Mitchell bhala legatarja kif hawn fuq imfisser il-*plot* kollu li jinsab fil-Qrendi bin-numru 7 Tal-Imwiezeb *sive* Ta’ Gana, deskritt bil-konfmi tieghu fit-testment tat-testatrici tad-29 ta’ Marzu 2004 (Dok. “A”).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Lulju 2008 kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2009.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Carmela Mifsud, Joseph Callus u Josianne Mercieca datata 27 ta’ April 2009 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

**FL-EWWEL LOK L-ECCEZZJONIJIET**

1. Illi t-talbiet huna nfondati fil-fatt u fid-drift, u dan peress illi meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi nterpretata hija maghmula b’termini cari, u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, mhux lecitu ghal hadd illi joltera dawk it-termini tat-testment.

2. Fit-tieni lok qieghda tingibed l-attenzjoni tal-Qorti li Mary Buhagiar hija effettivament omm Caroline Mitchell u mart Andrew Buhagiar, u dan il-fatt qieghed jingieb a konjizzjoni tal-Qorti peress illi anke l-ammissjoni ta’ Mary Buhagiar ghat-talbiet m’ghandhiex tikkostitwixxi pregudizzju ghal dak illi timponi l-Ligi.

3. L-istess ghandu jinghad ghal dak illi jirrigwarda lin-Nutar Anthony Grech Trapani *stante* li bl-ebda mod ma jista’ jitqies werriet jew li ghandu xi interess fit-testment

*stante* li n-Nutar huwa ufficjal pubbliku b'funzjoni favur l-Istat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-intimati fol. 15 u 16 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tan-Nutar Anthony Grech Trapani datata 21 ta' Mejju 2009 a fol 35 tal-process fejn espona: -

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dan *stante* illi l-esponenti mhux il-legittimu kuntradittur.

2. Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli fil-konfront tal-esponenti, u dan *stante* illi huwa mhux werriet ta' Antonia Callus, u ghalhekk huwa qatt ma jista' jigi kkundannat jimmetti fil-pussess lill-atturi. Dan il-fatt jidher illi huwa rikonoxxut mill-atturi tant hu hekk illi m'hemm ebda talba fil-konfront tal-esponenti, u z-zewg talbiet huma interament u limitata: fil-konfront tal-konvenuti eredi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tan-Nutar Anthony Grech Trapani a fol 36 tal-process.

Rat li l-intimata Mary Buhagiar ghalkemm debitament notifikata fil-21 ta' April 2009 baqghet kontumaci ma prezentat l-ebda risposta guramentata jew nota ta' eccezzjonijiet.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 27 ta' Mejju 2009 a fol 38 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Gunju 2009 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa s-seduti ghall-provi tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut prezenti, u Dr. Tonio Azzopardi ghall-attur prezenti li pprezenta nota ta' osservazzjonijiet b'kopja lil Dr. Brincat u ghandu jinnotifika lil Dr. Schembri llum stess li jidher ghall-konvenut Nutar, u l-Qorti pprefeggiet terminu ta' tletin (30) gurnata minn dan id-digiret sabiex il-konvenut jirrispondi permezz ta' nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Andrew Buhagiar nomine ppresentata seduta stante fil-25 ta' Jannar 2011 a fol 146 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti kollha bl-eccezzjoni tan-NUtar Abthony Grecg Trapani pprezentata fl-1 ta' Frar 2011 a fol 152 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed issostni li bit-testment taz-zija taghha Antonia Callus datat 29 ta' Marzu 2004 fl-atti tan- Nutar Anthony Grech Trapani, it-testatrici kienet halliet lilha l-plot numru 7 ta' l-art denominata ta' l-Mwiezeb *sive* ta' Gana fi Triq Monsinjur Guiseppi Depiro, l-Qrendi u mhux biss il-garage mibni fuq l-istess plot bl-

arja tieghu, kif qed isosntu l-konvenuti, eredi tal-istess decujus, u ghalhekk qed titlob lill-eredi sabiex jimettu lilha fil-pussess tal-istess plot u jirrilaxxaw l-istess plot favur u fil-pussess taghha.

Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus, u Josianne Merciceca opponew ghal dan ghaliex sostnew li dak li thalla bla legat kien biss il-garaxx mibni fuq l-istess plot u mhux il-plot innifisha u l-kliem tat-testment huwa tant car li ma jhalli lok ghall-ebda interpretazzjoni; indikaw ukoll li l-konvenuta Mary Buhagiar hija omm l-attrici u jekk din tipprezenta ammissjoni din ma ghandhiex tippregudika l-posizzjoni taghha; u li n-Nutar ma ghandu ebda interess fil-kawza – proprju ma ghandu l-ebda *locus standi* f'din il-kawza.

Illi l-konvenuta Mary Buhagiar ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u baqghet kontumaci, izda pprezentat affidavit man-nota attrici datata 14 ta' Mejju 2009 (fol. 18).

Illi n-Nutar Anthony Grech Trapani eccepixxa li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u li t-talbiet huma nsostenibbli fil-konfront tieghu peress li huwa ma huwiex werriet ta' Antonia Callus u fil-fatt ma hemm ebda talba fil-konfront tieghu.

Illi l-principju stabbilit f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja hu dak kif stabbilit fi dritt Ruman f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja "*non aliter sinificazione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem*" li tfisser li meta d-dispozizzjoni tkun cara ghandha tircievi l-esekuzzjoni taghha bhal dak li ried it-testatur u dan gie stabbilit fis-sentenza **"Carmelo Said et vs Nutar Giuseppe Cauchi"** deciza fl-20 ta' Ottubru 1958 kif ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Marzu 1957 fl-ismijiet **"Pharmacista George Mallia vs Carmela Mallia"**, fis-sentenza deciza fit-12 ta' Novembru 1951 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Marianna Micallef vs Giuseppe Zammit",** fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 1950 fl-ismijiet **"Nutar Albert Micallef vs Marietta Tonna"**, fis-sentenza deciza

mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar 1945 fl-ismijiet **"Axiak utrinque",** fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Marzu 1941 fl-ismijiet **"Ludgarda Attard vs Giuseppa Borg"**, fis-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 1931 fl-ismijiet **"Concetta Gabaretta vs Teresa Spiteri"**, fis-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar 1888 fl-ismijiet **"Mifsud vs Pullicino"** u fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 1884 fl-ismijiet **"Grima vs Camilleri".**"

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza **"Mary Muscat vs Dr. Renzo Porsella Flores nomine"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Frar 2011 fejn inghad li *"hija gurisprudenza konstanti li ttendi favur il-validita' tal-kontenut tat-testmenti u wkoll li ghal dik li hija nterpretazzjoni tal-istess, f'materja ta' successjoni universali jew partikolari, hija il-volonta' tat-testatur li ghanda tipprevali u tiddetermina l-interpretazzjoni tal-istess testmenti 'mens testatoris' (**"Mary Rose Mifsud vs Dr. Joseph Bartolo"** – P.A. (RCP) - 27 ta' Frar 2001), liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn inghad li:-*

*"Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett".*

Illi tal-istess portata hija d-decizjoni fl-ismijiet **"Connie mart Anthony Galea et vs Joseph Gauci"** (A.C. – 31 ta' Mejju 2002) fejn inghad li *"Fl-ewwel lok, din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm dak li gie ritenut mill-Ewwel Qorti dwar is-supremazija tal-volonta' tat-testatur, l-ezercizzju li effettivament irid jigi kondott mill-Qorti bhala parti mit-tfittxija tal-volonta' vera tat-testatur m'ghandu qatt isir b'mod li l-fatti cirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jithallew jippredominaw kwazi ghal kollox fuq dak*

*li jkun jinsab imnizzel fit-testment. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-Ewwel Qorti, imqar jekk il-konsiderazzjonijiet li hija ghamlet fuq il-provi prodotti quddiemha kienu flokhom u gusti, xorta wahda ma tistax tiddipartixxi, billi taghti ftit li xejn konsiderazzjoni, lill kliem tat-testment li wassal ghall din il-vertenza. Fi kliem iehor, fuq l-ewwel Qorti, apparti l-ezami tal-provi li hija tant abilment ikkonduciet, kien jinkombi ukoll l-oneru li tezamina sew il-kliem testwali tat-testment u mhux tissodisfa ruhha biss b'fatti jew deposizzjonijiet tax-xhieda. Fl-ahhar mill-ahhar, il-kaz in ezami kien jipprezenta kwezit li ried jigi affrontat u definittivament rizolut, cjoe' jekk il-kliem jew is-sens ta' dak li tnizzel fil-klawsola numru tlieta fuq riportata kienitx cara u inekwivoka talment, kif ghadhom isostnu l-atturi appellanti, li allura ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni ohra "konfezzjonata' minn xhidiet moghtija minn terzi".*

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Emmanuel Buttigieg nomine vs Anthony Cauchi proprju et nomine"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) inghad illi d-dottrina legali in materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti stabbiliet li:-

*"i) meta l-kliem fit-testment huwa car u ma jammettix dubji ma hemmx lok ghall-ebda interpretazzjoni u wiehed jista' biss jezamina jekk dak il-provediment mit-tifsira tieghu normali tieghu imurx kontra l-ligi jew le;*

*"ii) meta jirrizulta dubbju dwar is-sens tal-kliem allura hemm lok ghall-interpretazzjoni sabiex wiehed jasal ghall-intenzjoni tat-testatur;*

*"iii) fil-kaz ta' tali interpretazzjoni wiehed ghandu dejjem jassumi l-intenzjoni tat-testatur kienet konformi mal-ligi;*

*"iv) bhala norma wiehed ghandu jasal ghall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu u ma humiex ammissibbli provi ohra".*

Illi tal-istess portata huma d-decizjonijiet **"Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et"** (P.A. (NC) – 5 ta' Ottubru

2004);**"Constantino Muscat proprio et nomine vs Nazzareno Muscat et"** (A.C. – 1 ta' Ottubru 2004); **"Mary Rose Mifsud vs Avv. Dr Joseph Bartolo nomine"** (A.C. – 16 ta' April 2004); **"Rose Alden et vs Raphael Pace"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003); **"Doreen Galea Souchet vs Leslie Galea Souchet et"** (P.A. (RCP) – 2 t'Ottubru 2001); **"Mary Rose Mifsud vs Avv. Dr Joseph Bartolo nomine"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Frar 2001);

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jinghad li Antonia Callus, li kienet tigi z-zija tal-attrici proprju, mietet fid-29 ta' Settembru 2004 u halliet testment li sar fid-29 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (Dok. "A").

Illi l-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus u Mary Buhagiar, ahwa Callus, u Josianne Mercieca gew nominati eredi universali tal-mejta Antonia Callus u proprjetarji assoluti tal-generalita` tal-assi taghha kollha, filwaqt li l-konvenut Nutar Anthony Grech Trapani kien in-Nutar Pubbliku nkarigat mit-testatrici biex jirredigi l-imsemmi testment.

Illi fit-tieni artikolu tal-imsemmi testment hemm imnizzel hekk:

*"It-Testatrici qed thalli b'titolu ta' Prelegat lin-neputija taghha Caroline mart William Mitchell, residenti Stroud Green, Londra, Ingilterra konsegwibbli appena tigi nieqsa l-istess Testatrici:*

*(1) in pjena u assoluta proprjeta` l-garage bl-arja tieghu, bla numru jew isem, f'Triq gdida progettata bla isem li tisbokka f'Triq Monsinjur Giuseppi Depiro, l-Qrendi, mibni dan il-garage fuq il-plot numru seba' (7) tal-art denominata tal-Mwiezeb sive Ta' Gana, liema plot hija hekk indikata fuq il-pjanta annessa ma' att tieghi tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija disgha u sebghin (1979) u jmiss mit-Tramuntana mat-Triq u mil-Lvant u Punent rispettivament mal-plot numru sitta (6) u l-plot numru tmienja (8) mill-istess art, proprjeta` tal-Kumpanija*

*Z.P.S. Limited jew l-aventi kawza minnha, liberu u frank, bil-gus, drittijiet u pertinenzi tieghu kollha.”*

Illi hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li minkejja dak li qed issostni l-attrici u x-xhieda kollha minnha prodotta l-kliem tal-istess disposizzjoni testamentarja huwa car u ma jhalli lok ghall-ebda interpretazzjoni, u dan fis-sens li minn qari tal-istess klawsola testamentarja jirrizulta li l-prelegat li halliet it-testatrici lill-attrici Caroline Mitchell kien biss l-istess garaxx u mhux il-plot kollu fejn f’parti minnha hemm l-istess garaxx; kieku kien hekk il-kliem fl-istess disposizzjoni testamentarji kien jghid hekk, izda fil-verita’ dan ma huwiex il-kaz u l-istess kwalsola, b’Malti car u preciz tipprovdi dak li effetteviment tghid u cjoe’ li halliet lill-istess legatarja l-garaxx u mhux il-plot. Dwar dan ma hemm dubju ta’ xejn, l-kliem huwa car u ma hemmx lok u ma ghandhu jkun hemm l-lok ghall-ebda interpretazzjoni, jew riferiment ghall-provi, ohra ghaliex assulutament ma hemmx bzonn taghhom.

Illi l-attrici ma taqbilx ma` dan ghaliex tghid li z-zija taghha kienet qaltilha u anke kitbet fil-5 ta’ Awwissu 2003 li riedet thallilha l-plot (Dok. “CM3”) li hija allegatament hija fotokopja ta’ dikjarazzjoni dattilografata tat-testatrici, allegatment iffirmata minnha (ghaliex dak li gie esebit huwa biss fotokopja li lanqas hija awtentikata – ghalkemm l-original gie esebit bhala Dok. “TA 1” – fol. 62 izda fi kwalunkwe kaz tali dokument ma jikkostitwiex testment skond il-Ligi nostrali) fejn jinghad li jekk tigi nieqsa riedet thalli tali plot lill-attrici u wkoll li din id-dikjarazzjoni kellu jkun parti integrali mit-testment taghha. Dan legalment hawn Malta, li hija l-*lex situs* ma jistax issir hlief b’testment kif tipprovdi l-Ligi, izda jidher li t-testatrici pprovdiet mod iehor ghaliex it-testment taghha tad-29 ta’ Marzu 2004 (Dok. “A”) jipprovdi mod iehor u dan b’mod sinifikanti. Dan id-dokument ma jidhirx lanqas li inghata lin-Nutar qabel it-testment, almenu l-istess Nutar qatt ma semmieh. Anzi mix-xhieda ta’ Mary Buhagiar datata 8 ta’ Lulju 2009 jidher car li dan id-dokument ma inghatax lin-Nutar qabel it-testment (ara fol. 58). Anzi l-istess xhud minkejja ix-xhieda taghha precedenti, tghid li ma kienitx taf li ohta l-mejta kienet ghamlet testment u ddikjarat testwalment li *“Ma*

*kontx naf Antonia x'kienet se taghmel bil-garage sa l-ahhar gurnata qabel mewta lili ma qaltli xejn….Hija kienet tghidli ghamel bhali mur ghamel testment pero' xorta nghid li ma kontx naf li ghamlet testment".* Dan jikkontrasta max-xhieda li tat l-istess Mary Buhagiar stess u anke dik attrici.

Illi jinghad ukoll li ghalkemm kontumaci, l-konvenuta Mary Buhagiar fl-affidavit taghha sostniet li f'kawza li saret minnha kontra n-Nutar ghal danni civili, proprju ghaliex hija qed tikkonmtendi li n-Nutar agixxa b'negligenza ghaliex *"naqas li jnizzel korrettement il-volonta' tat-testatrici fl-ahhar testament tat-testatrici Antonia Callus Dok. "A". Il-kawza hija Citazzjoni Numru 1128/2006 GCD. Zewgi Andrew Buhagiar infurmani illi wara li nstemghu l-provi l-Onorevoli Mhallef qal li hemm possibilita' li, minkejja dak li hemm imnizzel fl-artikolu tat-testment Dok. "A" li jirreferi ghall-vertenza, xorta wahda jista' jigi miftiehem li t-tieni artikolu jinkludi l-plot kollu u mhux il-garage biss – u dan minhabba li l-konfini hemm imnizzla jkopru l-plot kollu".*

Illi dwar dan jinghad li tali xhieda hija *"detto del detto"* u lanqas *per se* ammissibbli, u jinghad ukoll li dak li jiddeciedi il-gudikant f'kawza ikun permezz ta' sentenza, u certament li d-decizjoni f'dik il-kawza hija dik li tiddetermina dik il-pendenza u mhux din il-pendenza l-kawzali ta' liema huma ben differenti. F'kull kaz jinghad li dan ma huwiex il-mod kif jitressqu l-provi, apparti l-fatt li f'dan il-kaz jidher car li bil-verzjoni moghtija u mill-istess affidavit l-attrici qed taqbel li l-klawsola *ut sic* mertu ta' din il-pendenza tipprovdi espressament u bla dubju li l-legat imholli lilha kien ta' garaxx u mhux ta' plot tant li qed isostni li n-Nutar ghamel zball meta kiteb dak li kiteb fit-testment, altrimenti ma kinitx tharrek lin-Nutar ghad-danni – kemm il-darba kien hemm lok ta' interpretazzjoni differenti ghall dak li jipprovdi l-istess testament.

Illi hawn issir riferenza wkoll ghall dak li kitbet l-attrici lill Dr. Joseph Mifsud, iben l-konvenuta Carmela Mifsud, f'ittra datata 16 ta' Marzu 2006, fejn *"bla pregudizzju"* l-attrici offriet li thallas is-somma ta' Lm2,000 lil kull eredi

sabiex kull wiehed jirtira l-oggezzjoni tieghu sabiex hija tiehu l-plot kollha. Din l-ittra jidher li ma gietx imwiegba skond almenu kif hemm indikat bl-ittra datat 27 ta' Lulju 2006 (fol. 53) miktuba minn Andrew Buhagiar (missier l-attrici) lill-istess Dr. J. Mifsud, u allura l-eredi ma jidhirx li ghal xi mument ikkonsidraw din il-proposta, u dejjem kienu konsistenti li l-legat kien jirreferi biss ghall-garaxx u kienu disposti li jimmettu fil-pussess lill-attrici assenti proprju tal-legat hemm imholli lilha ta' garaxx u ta' xejn izjed. F'dan il-kuntest ix-xhieda ta' Carmela Mifsud datat 17 ta' Settembru 2009 (fol. 66) hija car li hija ma rieditx li taghti l-parti taghha tal-istess plot lill-attrici u dan proprju ghaliex it-testment kien jirreferi ghall-garaxx.

Illi din il-posizzjoni tikkontrasta ma' dik mehuda mill-attrici assenti, fejn jinghad li fl-ahjar ipotesi, l-agir taghha kemm b'din il-korrispondenza u kemm b'atti ohra gudizzjarji, ma hijiex konsistenti ma' dak li qed jigi vantat f'din il-kawza. Fil-fatt dan ikompli jikkonferma li bhal klawsola testamentarja din ma thalli l-ebda lok ta' interpretazzjoni ghaliex hija cara daqs il-kristall. Kull ma thalla fil-legat kien biss garaxx bl-arja tieghu u mhux il-plot. Kull min jaqra tali klawsola ma jistax jasal ghall-ebda konkluzjoni ohra ghaliex il-kliem kollu uzat huwa car fih innifsu. Hawn issir riferenza ghal dak li nghad fl-ahhar paragrafu tat-tieni pagna tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti datata l-1 ta' Frar 2011 fejn gie accentwat kif l-ewwel l-attrici ghamlet kawza ta' danni lin-Nutar fit-2006 u wara saret din il-kawza fis-6 ta' April 2009.

Illi fl-ahharnett saret riferenza ghal dikjarazzjoni li ghamel in-Nutar Anthony Grech Trapani (Dok. "B") datata 25 ta' Jannar 2005 fejn huwa jghid li *"l-prelegat imholli lil Caroline Mitchell ikopri l-plot kola. Din il-konferma jien qed naghmila peress li niftakar carament il-konversazzjoni li jien kelli ma Antonia Callus fl-ufficju tieghu dakinhar li ghamlet it-testment taghha"* u din l-ittra hija ndirrizzara lil Dr. Tonio Azzopardi, l-abbli difensur tal-attur *nomine* u dan b'riferenza ghall-ittra tieghu datat 20 ta' Jannar 2005 (fol. 8).

Illi dwar dan il-Qorti ssostni, li fil-waqt li hadet konjizzjoni tal-istess dokument ghaliex qieghed fl-atti tal-kawza, in vista tal-gurisprudenza fuq citata, la darba l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja huwa car, ma hemmx lok li l-Qorti thares lejn provi ohra, ghaliex ma hemmx bzonn taghhom, ghaliex f'dan il-kaz ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni fil-kliem uzat fl-istess testment sabiex juri l-intenzjoni tat-testatrici x'inhi u x'kienet u dan ghaliex l-istess klawsola tindika dan b'mod car ghal kollox li verament ma jhalli lok ghall ebda dubju – u dan iktar u iktar meta t-testatrici kienet taf taqra u tikteb u kienet fis-sensi kollha taghha, u t-testment inqara quddiemha u quddiem zewg xhieda hemm indikati u dwar dan hemm konferma tal-konvenuta Mary Buhagiar fix-xhieda taghha tat-8 ta' Lulju 2009 (fol. 57 *et sequitur),* ghalkemm jinghad li fix-xhieda li ta n-Nutar fl-20 ta' Marzu 2009 fil-kawza Citaz. Nru. 1128/2006/GCD huwa jghid li kienu prezenti biss it-testatrici, x-xhieda u naturalment huwa (fol. 76 *et sequitur).*

Illi f'dan il-kuntest id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti li pprezentaw risposta guramentata hija cara f'dan ir-rigward u l-Qorti taqbel ma` dak hemm kontenut in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz (fol. 15).

Illi apparti minn dan, jidher li dak iddikjarat minn Nutar fl-istess ittra ma jaqbilx mad-disposizzjoni tieghu fl-20 ta' Marzu 2009 (fol. 76 *et sequitur)* quddiem din il-Qorti diversament presjeduta peress li hemm qal l-istruzzjonijiet hadhom minghand il-konjugi Buhagiar, il-genituri tal-attrici, u qal li t-testatrici meta kellimha kienet skond huwa *"ftit konfuza……."* . Din il-Qorti ma thossx li dan huwa bizzejjed sabiex irendi din il-versjoni moghtija inkredibbli fl-ahjar ipotesi. Dwar kif hareg l-ittra imsemmija jinghad li din harget skond l-istess xhud ghaliex *"Anzi qalli Tony ghamilli pjacir, aghtini ittra f'idejja biex juruwha lil huthom u ma jikkontestawx il-legat".* L-istess Nutar imerri wkoll lil Mary Buhagiar u huwa konsistenti almenu dwar il-fatt li omm l-attrici ma kinitx prezenti waqt li sar it-testment minkejja dak li qalet l-istess Mary Buhagiar. Mill-bqija din il-Qorti thoss li wara li rat ix-xhieda prodotta kollha nkluza dik imsemmija tan-Nutar, u dik moghtija fl-1 ta' Novembru

2010 thoss li x-xhieda tieghu ma hijiex kredibbli, u ma taqbilx ma dak li huwa stess irrediga fl-istess testament, minn liema testment jidher inekwivokabilment li l-oggett tal-legat kien il-garaxx u mhux il-plot. Huwa nteressanti li minkejja dak kollu li qal l-istess Nutar in-nota ta' osservazjonijiet tieghu f'din il-kawza tirreferi biss ghall-eccezzjonijiet minnu moghtija, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dan fih innifsu huwa wkoll sinifikattiv. Mill-bqija din il-Qorti thoss u taqbel li f'din il-kawza n-Nutar konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta Mary Buhagiar, u fil**-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut in-Nutar Anthony Grech Trapani fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu datata 21 ta' Mejju 2009, u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur,** u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmela Mifsud, Joseph Callus u Josianne Mercieca fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom datata 21 ta' April 2009 in kwantu l-istess huma konformi ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------